

**Dr. Raymond C. Xerri**
B.A.(Hons.)(U.S.A.), E.U.Sch.(E.U.Law)(F.R.G.), D.D.S., M.A.(Dip.St.)(Malta), L.F.I.B.A.(U.K.), D.G.(U.S.A.), Ph.D. (Australia)

# In-Nadur ... FL-IMGĦODDI

### SENSIELA INFORMATTIVA U EDUKATTIVA DWAR IN-NADUR

**In-Nadur raħal jew belt?** In-Nadur huwa raħal f'Għawdex, pero' huwa belt f'għajnejn id-dinja. Min jaf kemm hemm Nadurin jgħixu fl-ibliet ta' Melbourne u Sydney fl-Awstralja; f'New York u Detriot fl-Istati Uniti tal-Amerika; f'Toronto fil-Kanada; f'Londra fl-Ingilterra? U fi bliet oħra! F'artikli preċedenti, f'dan l-artiklu u oħrajn futuri ser naraw kif in-Nadur kiber u nfirex f'dawn il-bliet madwar id-dinja. F'dan l-artiklu ser nitratta l-istorja tal-emigrazzjoni min-Nadur lejn l-Istati Uniti tal-Amerika.

## GĦAWDEX GŻIRA TAL-EMIGRANTI

Sa mill-qedem il-gżira Għawdxija kienet il-post ta' emigrazzjoni u imigrazzjoni. Nies ġejjin u nies sejrin, biex jgħixu hawn u oħrajn biex jfittxu xogħol f'art oħra. Għawdex hija gżira tal-emigranti - miż-żjara ta' Ulyssis fl-Għar ta' Kalypso fix-Xagħra fil-mitoloġija Griega sas-servizz tal-Air Malta lejn il-Belt ta' New York (li kien isir ftit tas-snin ilu), Il-poplu Għawdxi huwa mobbli ħafna għax infirex f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Fl-Awstralja nsibu madwar 32,000 Għawdxi tal-ewwel ġenerazzjoni; fl-Istati Uniti madwar 15,000 u fil-Kanada madwar 9,000 biex insemmi ftit. Hemm għadd kbir ta' komunitajiet f'pajjizi oħra bħall-Ingilterra, Franza u xi pajjiżi oħra fil-Mediterran.

## L-EMIGRAZZJONI 'L HINN MILL-BAĦAR MEDITERRAN

L-ewwel emigrazzjoni ta' nies min-Nadur kien lejn pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq, l-aktar lejn l-Alġerija, t-Tuneżija u l-Eġittu fil-bidu tas-seklu dsatax fejn Malta kienet għadha kif saret kolonja tal-Imperu Ingliz. Wara din il-mewġa ta' emigrazzjoni f'nofs is-seklu dsatax, l-Għawdxin, fosthom in-Nadurin bdew iħarsu lejn artijiet ferm aktar 'il bogħod mill-Mediterran. Il-Bliet-portijiet ta' New York, New Orleans, Los Angeles u Detriot kienu għaddejjin minn perjodu ta' ġid kbir fejn l-industriji kellhom bżonn ħafna ħaddiema tal-id u ta' ċertu snajja.

Sal-1910 kienu l-waħdiet li emigraw min-Nadur lejn dawn il-bliet fl-Istati Uniti. Fl-1910 Dr. Charles Mattei ssuġġerixxa li emigranti Maltin u Għawdxin jistgħu jsibu ħafna xogħol fl-Istati ta' Washington, Oregon u Kalifornja. Dan għaliex ra lil xi Maltin u Għawdxin li kienu waslu fis-seklu ta' qabel f'Kalifornja kuntenti. Dawn l-emigranti kienu ssettiljaw f'New York, Louisiana, Alabama u New Orleans.

## JIŻDIEDU N-NUMRU TA' NADURIN EMIGRANTI LEJN L-AMERIKA

L-emigrazzjoni min-Nadur lejn l-Istati Uniti tal-Amerika żdied sew wara l-Ewwel Gwerra Dinjija. Skont l-applikazzjonijiet għall-passaporti ta' Nadurin li nsibu fl-Arkivji Nazzjonali ta' Santo Spirito fir-Rabat tal-Imdina, kien hemm madwar 260 li applikaw għal visa biex jidħlu fl-Istati Uniti tal-Amerika. L-ewwel grupp ta' Nadurin, li emigraw lejn l-Istati Uniti flimkien kien fis-7 ta' Lulju 1947. Sa l-1952 in-numru ta' emigranti Nadurin li emigraw lejn l-Istati Uniti żdied b'mod konsiderevoli għal madwar 502.

Wara l-1952 il-Kungress u s-Senat Amerikan għadda liġi dwar l-Immigrazzjoni u Nazzjonalita' msejħa l-Att McCarran-Walter. Dan l-att għamilha aktar diffiċli biex Nadurin jemigraw lejn l-Istati Uniti sal-1965 meta l-emigrazzjoni naqqset imħabba li fis-snin ta' wara kien hemm il-gwerra mal-Koreja u dik mal-Vietnam fejn l-emigranti li kienu jirfsu fuq art Amerikana kienu jispiċċaw suldati jiġġieldu f'dawn il-gwerer. Gradwalment, l-emigrazzjoni minn Għawdex u Malta naqqset u prattikament waqfet għal kollox fl-1976.





## 28,900 NADURI FL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA

Illum insibu komunitajiet kbar ta' Nadurin tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u issa r-raba' ġenerazzjoni fl-ibliet ta' New York u New Jersey. Mill-arkivji tal-passaporti fl-Ambaxxata ta' Malta ġewwa l-Belt kapitali Amerikana, Washington DC, insibu 4300 persuna min-Nadur tal-ewwel ġenerazzjoni, jiġifieri kwazi terz tal-emigranti Għawdxin kollha li emigraw lejn l-Istati Uniti (total ta' 15,000 Għawdxi) u ftit anqas mill-poplazzjoni tan-Nadur, Għawdex. Pero' dawk huma parti żgħira biss min-Nadurin kollha. Minħabba l-Liġi taċ-Ċittadinanza Doppja, iċ-ċittadinanza Maltija tintiret minn ġenituri Maltin jew Għawdxin. Għalhekk ma' dawn l-4300 irridu nżidu 8,600 Naduri tat-tieni ġenerazzjoni, hemm 16,000 persuna Nadurin tat-tielet ġenerazzjoni u diġa' 4,800 persuna tar-raba' ġenerazzjoni. Dan ifisser li hemm 4300 persuna min-Nadur madwar l-Istati Uniti tal-Amerika u 24,600 ta' dixxendenza min-Nadur li għandhom passport Malti.

***In-Nadur belt jew le?***

Inħalli r-risposta għalikom!

### Referenzi:


Attard, Lawrence E., *Early Maltese Emigration (1990-1914)*, Publishers Enterpises Group (P.E.G.) Ltd., Malta, 1983.

L-Arkiviji tal-Passporti fl-Ambaxxata Maltija fil-Belt ta' Washington DC, l-Istati Uniti tal-Amerika.

L-Arkiviji ta' l-applikazzjonijiet tal-passaporti fiċ-Ċentru ta' l-Arkiviji Nazzjonali Santo Spirito, fir-Rabat ta' l-Imdina, Malta (1840-1940).

Cini, Charles, *Gozo - The Roots of an Island*, Said International Ltd., Malta, 1990.

Donato, M, *L'Emigration des Maltais en Algerie ai XIX eme Siecle*, Montpellier., France, 1985.

Galea, E., *Retour des Ermites de St. Augustin en Afrique du Nord*, Bascone et Muscat, Tunesija, 1956.

Ganiage, J., *La Popolation Europeen de Tunis au milieu du XIX Siecle*, Parigi, 1960.

Xerri, Raymond C., *Gozo in the World and the World in Gozo: a cultural impact of migration and return migration on an island community*, Victoria University, Melbourne, Australia, 2001.

Xerri, Raymond C., *Gozitan Crossings*, Gozo & the Gozitans Series, A&M Printing Ltd., Qala, 2005.



NIRRINGRAZZJAW:

Lill-Familja Attard u Charles Buttigieg (Kanada); Frank Borg - The Maltese Center, Astoria, (Amerika); Marija Xerri (Sydney) u The Australian – Nadur Association u l-Helpers (Melbourne), Awstralja, li qassmu l-ħarġa Nru. 112 tal-'Luminaria', Marzu 2013.

| | |
|---|---|
| Awstralja: | Mr & Mrs Emmanuel Attard: $20; |
| Amerika: | Ms Lucy Portelli: $20; Mr Louis Sammut: $25: |
| Ingilterra: | Mr Albert Muscat. |
| Amerika: | Marija Muscat: $20 |